RIŻOLUZZJONI (UE) 2022/1786 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-4 ta' Mejju 2022

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2020

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2020,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0116/2022),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ([1]), il-baġit finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2020 kien ta' EUR 240 119 000, u dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 16,74 % meta mqabbel mal-2019, meta l-baġit tal-Aġenzija żdied b'40,23 % meta mqabbel mal-2018; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa kważi esklużivament derivat mill-baġit tal-Unjoni;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020 (ir-"rapport tal-Qorti"), tiddikjara li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi fir-rigward tad-dħul huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; billi l-Qorti identifikat ammont totali ta' pagamenti ta' EUR 10 405 074,69 li hija qieset li ma kienx konformi mad-dispożizzjoni tal-ftehim qafas rilevanti, li jirrappreżenta 4,1 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-2020, u b'hekk jaqbeż il-limitu ta' materjalità stabbilit għall-awditu u jirriżulta f'opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet; billi, ħlief għal dawk il-pagamenti mhux konformi, il-Qorti tikkonkludi li t-tranżazzjonijiet ta' bażi fir-rigward tal-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2020 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 75,61 % li, għalkemm tirrappreżenta żieda ta' 31,10 % meta mqabbla mal-2019, għadha ferm taħt il-mira; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 96,24 %, li tirrappreżenta żieda ta' 3,96 % meta mqabbla mal-2019;

2. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar l-ammont għoli ta' riporti għat-Titoli II u III tal-baġit tal-Aġenzija, jinnota li l-Aġenzija użat riporti awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet mhux differenzjati għat-Titolu II ta' EUR 10 200 000 (59,4 %) minn ammont totali ta' riporti awtomatiċi ta' EUR 17 200 000; jinnota li l-Aġenzija użat ukoll riporti mhux awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għat-Titolu III ta' EUR 56 300 000 (23 % tal-approprjazzjonijiet fil-baġit finali), prinċipalment b'rabta mas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u s-sistemi ta' interoperabbiltà, u li dawk ir-riporti mhux awtomatiċi huma ferm inqas mill-EUR 159 000 000 ta' riporti mhux awtomatiċi fl-2019 (55 % tal-approprjazzjonijiet fil-baġit finali adottat) iżda xorta jirrappreżentaw ammont sostanzjali meta mqabbla mal-baġit totali; jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li, għalkemm in-natura tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija jista' jkollha konsegwenzi fuq is-sena ta' wara, l-ammont eċċessiv ta' riporti għat-Titoli II u III huwa indikattiv ta' diversi kwistjonijiet strutturali li jaffettwaw il-konformità mal-Artikoli 9, 12 u 28 tar-regoli finanzjarji tal-Aġenzija; jistieden lill-Aġenzija tindirizza dawk il-kwistjonijiet;

([1]) ĠU C 114, 31.3.2021, p. 199.

3. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-implimentazzjoni tal-baġit kienet inqas milli ppjanat; jistieden lill-Aġenzija biex, flimkien mal-Kummissjoni, ittejjeb l-allinjament tal-ippjanar baġitarju mal-kalendarju tal-atti legali relatati; jirrikonoxxi li l-Aġenzija ħadet passi biex ittejjeb is-sitwazzjoni;

Prestazzjoni

4. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija tuża ċerti għodod bħala indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tkejjel il-valur miżjud li jirriżulta mill-attivitajiet tagħha u ttejjeb il-ġestjoni tal-baġit tagħha; jinnota li fl-2020 l-Aġenzija aġġornat l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni korporattivi tagħha b'10 indikaturi minn tletin mhux mibdula jew mibdula editorjalment biss, indikatur wieħed imħassar, indikatur wieħed ġdid introdott u indikaturi oħra aġġornati għal diversi raġunijiet, bħal bidliet fl-ambjent regolatorju tal-Aġenzija, għarfien miġbur mill-awditi u d-disponibbiltà ta' metrika aħjar;

5. Jinnota li, skont id-dikjarazzjoni tal-Aġenzija, hija laħqet l-objettivi tagħha għall-2020 kif stabbilit fir-regolament fundatur tagħha, ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għamlet progress lejn l-għanijiet u l-objettivi stabbiliti fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija, u tat ir-riżultati definiti fil-programm ta' ħidma annwali tagħha għall-2020, f'termini kemm ta' eżiti kif ukoll ta' prestazzjoni; jinnota li l-prestazzjoni u d-disponibbiltà tas-sistemi tal-IT imħaddma mill-Aġenzija kienu f'konformità mal-ftehimiet rilevanti fil-livell ta' servizz; jinnota li l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda tal-IT, kif ukoll l-iżvilupp tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi l-ġodda u dawk eżistenti, baqgħu għaddejjin; jinnota li l-implimentazzjoni tas-Sistema l-ġdida ta' Dħul/Ħruġ (EES) iffaċċjat dewmien ta' xahrejn peress li l-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni ddeċieda li jipposponi d-dħul fis-seħħ biex l-Istati Membri jkollhom aktar żmien biex iħejju ruħhom; jilqa' l-fatt li għas-sistemi l-ġodda l-oħra tal-IT, l-Aġenzija tirrapporta li l-iskedi ta' implimentazzjoni ma ġewx affettwati b'mod negattiv;

6. Jinnota li fl-2020 l-Aġenzija ffirmat qafas ta' inġinerija trasversali (TEF) sabiex titbiegħed mill-approċċ kompartimentalizzat f'dak li huwa żvilupp u tħaddim tas-sistemi; jinnota li t-TEF għandu l-għan li jistabbilixxi qafas kuntrattwali għat-tfassil, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda tal-IT;

7. Jisħaq li l-Aġenzija toffri kontribut importanti għal Unjoni aktar sikura billi tiżgura l-ogħla livelli ta' sigurtà tal-informazzjoni u protezzjoni tad-data għall-informazzjoni fdata lilha, tipprovdi servizzi ta' kwalità għolja u tgħin biex il-kapaċitajiet teknoloġiċi tal-Istati Membri jiġu allinjati mal-ħtiġijiet tagħhom; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiġi evitat kwalunkwe riskju għall-informazzjoni pproċessata; jinnota li l-kapaċità tal-Aġenzija kemm li ttejjeb is-sistemi ta' informazzjoni eżistenti kif ukoll li tiżviluppa oħrajn ġodda ġiet imsaħħa bil-mandat il-ġdid tagħha stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1726, li daħal fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2018; jilqa' l-isforzi kontinwi li saru mill-Aġenzija biex tadatta għal dak il-mandat il-ġdid fl-2020;

8. Jilqa' l-adozzjoni, f'Diċembru 2020, mill-Kummissjoni tal-proposta għal Regolament e-CODEX ġdid; jilqa' l-ftehim milħuq mill-koleġiżlaturi f'dan ir-rigward f'Diċembru 2021; ifakkar li l-Aġenzija se jkollha rwol kruċjali fl-implimentazzjoni b'suċċess tas-sistema e-CODEX u li l-Kummissjoni għandha tipprevedi riżorsi xierqa ddedikati għaż-żieda fir-responsabbiltajiet tal-Aġenzija;

Politika dwar il-persunal

9. Jinnota li, sal-31 ta' Diċembru 2020, 89,6 % tat-tabella tal-persunal tal-Aġenzija kienet ġiet eżegwita, u kienu nħatru 181 aġent temporanju minn total ta' 202 aġent temporanju awtorizzati fl-ambitu tat-tabella tal-persunal (meta mqabbla ma' 172 post tax-xogħol awtorizzati fl-2019); jinnota li, barra minn hekk, fl-2020, 83 aġent kuntrattwali u 10 esperti nazzjonali sekondati ħadmu għall-Aġenzija, minn 111-il aġent kuntrattwali u 11-il espert nazzjonali sekondat awtorizzati fl-ambitu tat-tabella tal-persunal;

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

10. Jinnota bi tħassib il-kompożizzjoni tal-maniġment superjuri tal-Aġenzija fir-rigward tal-ġeneru (żewġt irġiel (100 %) u l-ebda mara), tal-bord tat-tmexxija (44 raġel (81,5 %) u 10 nisa (18,5 %)), u fi ħdan il-persunal inġenerali (184 raġel (69,7 %) u 80 mara (30,3 %)); jitlob lill-Aġenzija tiżgura li fil-futur ikun hemm bilanċ bejn il-ġeneri fil-livell maniġerjali u tal-persunal; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-importanza li jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri meta jinnominaw lill-membri tagħhom fil-bord tat-tmexxija tal-Aġenzija;

11. Jinnota d-diffikultajiet iffaċċjati fil-proċeduri ta' reklutaġġ tal-Aġenzija kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, li naqqset b'mod konsiderevoli r-reklutaġġ ta' persunal ġdid, bl-Aġenzija tirrapporta li 50 % ta' dawk li laħqu l-fażi finali ta' reklutaġġ tagħha ġew affettwati direttament jew kellhom idumu biex jibdew il-qadi ta' dmirijiethom minħabba restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19; jinnota li l-Aġenzija tirrapporta li nediet 25 proċedura ta' għażla, li 19 minnhom ingħalqu sa tmiem is-sena, u dan irriżulta f'21 offerta ta' impjieg maħruġa u aċċettati;

12. Jinnota li l-Aġenzija rrapportat li l-konsulenti kunfidenzjali tagħha rċevew seba' formoli mimlija biex jiġu mfittxija b'mod informali informazzjoni u pariri, jew gwida u appoġġ f'każijiet ta' fastidju psikoloġiku u sitwazzjonijiet ta' kunflitt; jinnota li mill-wasla tal-informazzjoni ma ġie rrapportat l-ebda każ formali ta' fastidju, u li fl-2020 ma tressaq l-ebda każ ta' fastidju quddiem il-Qorti Ġenerali; jinnota li l-konsulenti kunfidenzjali tal-Aġenzija jiġu mħarrġa regolarment u jirċievu appoġġ minn esperti esterni;

13. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija implimentat b'mod korrett ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti dwar il-valutazzjoni xierqa tal-applikazzjonijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ;

Akkwist

14. Jilqa' l-iffirmar tat-TEF, l-akbar offerta li qatt ġiet iffirmata mill-Aġenzija; jinnota li l-Aġenzija tippreżenta t-TEF bħala innovazzjoni sinifikanti għall-mudell tal-akkwist operattiv tal-Aġenzija, u qafas li mistenni jiġġenera kisbiet importanti fil-proċess tal-ġestjoni tal-bejjiegħa u tal-kuntratti, inklużi valur aħjar għall-flus, ekonomiji ta' skala u proċessi ta' akkwist aktar rapidi, filwaqt li jnaqqas ukoll id-dipendenza tal-Aġenzija fuq għadd relattivament żgħir ta' bejjiegħa; jilqa' l-approċċ innovattiv, iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli b'dak l-approċċ u jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar jekk il-kisbiet ikunux qed iseħħu u dwar kif ir-riskji, li huma inerenti għall-approċċ innovattiv, qed jiġu ġestiti mill-Aġenzija;

15. Jinnota li t-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet għas-sejħa għall-offerti b'rabta mat-TEF tlestiet f'Jannar 2020 u li l-proċedura tal-offerti tnediet fid-29 ta' Jannar 2020 għal erba' lottijiet u servizzi assoċjati, jiġifieri Lott 1: disinn, koordinazzjoni, aċċertament tal-kwalità u appoġġ għall-integrazzjoni, Lott 2: servizzi ta' żvilupp, Lott 3: infrastruttura (hardware, software u servizzi relatati), u Lott 4: ittestjar u kwalifika; jinnota li l-kuntratti għal-Lottijiet 1, 2 u 3 ġew iffirmati fl-2020, filwaqt li dak għal-Lott 4 ġie ffirmat f'Lulju 2021; jinnota li hija kisba sinifikanti għall-Aġenzija li lestiet dawn il-proċeduri, b'mod partikolari meta jitqiesu r-restrizzjonijiet ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19;

16. Jinnota li l-Qorti sabet li l-Aġenzija ffirmat kuntratt speċifiku għas-software li kien differenti mis-software offrut mill-kuntrattur fl-offerta tiegħu għall-kuntratt qafas assoċjat; jinnota li l-Aġenzija ma mmodifikatx il-kuntratt qafas; jinnota li, skont l-osservazzjoni tal-Qorti, l-akkwist ta' prodott differenti li mhuwiex inkluż fl-offerta tal-prezz, bi prezz differenti mill-prodott oriġinarjament offrut, huwa devjazzjoni mill-kuntratt qafas; jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li kemm il-kuntratt speċifiku kif ukoll il-pagament assoċjat ta' EUR 10 399 834 mhumiex konformi mal-kuntratt qafas; jinnota li l-Aġenzija tirrikonoxxi l-osservazzjonijiet tal-Qorti u jissottolinja li b'segwitu għall-ħruġ tal-osservazzjoni tal-Qorti, l-Aġenzija ħadet azzjoni fil-pront, billi ffirmat emenda għall-kuntratt qafas sabiex tirrettifika l-ommissjoni inizjali; jinnota li l-Aġenzija tiddikjara li n-nuqqas ta' konformità ma rriżulta fl-ebda preġudizzju għall-interessi finanzjarji tal-Aġenzija jew tal-Unjoni peress li tqis li n-nefqa kienet ġustifikata; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Aġenzija ma segwietx il-proċeduri xierqa, speċjalment fid-dawl tal-ammont sostanzjali kkonċernat; jinnota l-kunsiderazzjonijiet estensivi li d-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija ppreżenta f'seduta ta' smigħ mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament fid-29 ta' Novembru 2021, fejn huwa ddikjarat li d-deċiżjoni li jinkiseb is-software inkwistjoni kienet deċiżjoni konxja min-naħa tat-tmexxija tal-Aġenzija bl-iskop li titnaqqas id-duplikazzjoni tal-isforzi ta' taħriġ u appoġġ, biex fl-aħħar mill-aħħar jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi ġenerali tal-Aġenzija; jenfasizza li, minkejja li jistgħu jiġu preżunti opportunitajiet ta' ffrankar tal-ispejjeż, ir-regoli applikabbli

dwar l-akkwist iridu jiġu segwiti f'kull ħin biex jiġi żgurat li l-kontribwent tal-Unjoni jikseb valur sħiħ għall-flus permezz ta' proċeduri ta' akkwist trasparenti u kompetittivi; jistieden lill-Aġenzija tiżgura li r-regoli dwar l-akkwist jiġu rrispettati f'kull ħin;

17. Jirrimarka li n-nuqqas ta' pożizzjonijiet amministrattivi ddedikati jista' jkollu impatt negattiv fuq il-funzjonament tal-proċeduri ta' akkwist fi ħdan l-Aġenzija; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija jidħlu fi djalogu attiv dwar it-titjib tat-tabella tal-persunal tal-Aġenzija, speċjalment dwar il-livell li fih jiġu allokati l-postijiet tax-xogħol;

18. Jinnota li l-Qorti sabet li l-Aġenzija ffirmat formola ta' ordni għal servizzi ta' manutenzjoni li tkopri l-perjodu mis-7 ta' Novembru 2020 sa Diċembru 2024 (erba' snin), u dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt qafas relatat li jippermetti li s-servizzi jiġu fatturati bil-quddiem għal sena; jinnota li l-Qorti kkonkludiet li l-ammont ta' EUR 5 241 imħallas lill-kuntrattur għal servizzi li għandhom jiġu pprovduti wara s-7 ta' Novembru 2021 huwa irregolari; jinnota li, għalkemm il-kwistjoni tikkonċerna ammont relattivament żgħir, għandhom jitqiesu r-riskji għar-reputazzjoni li jġib miegħu n-nuqqas ta' rispett tar-regoli tal-akkwist;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, etika u trasparenza

19. Jirrikonoxxi l-miżuri eżistenti tal-Aġenzija u l-isforzi kontinwi biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u l-protezzjoni tal-informaturi; jinnota li l-Aġenzija għandha stabbiliti regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess għall-membri tal-persunal; jinnota li l-bord tat-tmexxija tal-Aġenzija, fit-23 ta' Diċembru 2020, adotta regoli ta' implimentazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess tal-membri tal-persunal sabiex jiżgura li l-immaniġġjar ta' sitwazzjonijiet li fihom jistgħu jinqalgħu kunflitti ta' interess ikun trasparenti u konsistenti; jinnota li dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni huma applikabbli għall-persunal tal-Aġenzija, inklużi d-direttur eżekuttiv u l-viċi direttur eżekuttiv, l-esperti nazzjonali sekondati, u l-interns imħallsa u mhux imħallsa;

20. Jinnota b'apprezzament li għall-membri tal-bord tat-tmexxija tagħha u għall-maniġment superjuri tagħha, l-Aġenzija tippubblika d-dikjarazzjonijiet ta' interess fuq is-sit web tagħha; jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-fatt li s-CVs għall-membri tal-bord tat-tmexxija tagħha mhumiex ippreżentati fuq is-sit web tagħha; ifakkar fit-talba tal-awtorità ta' kwittanza, fil-kwittanza għall-2019, biex l-Aġenzija tippubblika dawk is-CVs fuq is-sit web tal-Aġenzija sabiex iżżid it-trasparenza;

21. Jistieden lill-Aġenzija tieħu miżuri biex tiżgura l-konformità sħiħa mar-regoli tal-Unjoni dwar it-trasparenza kif ukoll mad-drittijiet fundamentali u mal-istandards tal-protezzjoni tad-data;

Kontroll intern

22. Jilqa' l-valutazzjoni annwali tal-Aġenzija tas-sistema ta' kontroll intern tagħha li kkonkludiet li s-sistema ta' kontroll intern tagħha hija preżenti, effettiva u tiffunzjona, għalkemm għad hemm bżonn ta' xi titjib; jistieden lill-Aġenzija tinkorpora l-osservazzjonijiet tal-Qorti rigward in-nuqqas ta' rispett tal-proċeduri ta' akkwist fil-valutazzjoni tagħha u tevalwa l-impatt tan-nuqqasijiet identifikati dwar il-prinċipji u l-komponenti ta' kontroll intern;

23. Jinnota li fi tmiem l-2020 ir-rata ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar kienet ta' 65 % (24 rakkomandazzjoni implimentata u 37 rakkomandazzjoni pendenti); jinnota li fi tmiem l-2020 b'kollox kien hemm 31 rakkomandazzjoni miftuħa, li minnhom l-ebda waħda ma kienet "kritika"; jinnota bi tħassib li 13-il rakkomandazzjoni kienu għadhom ma ġewx implimentati wara d-data ta' skadenza tagħhom, u dan ifisser li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni kienet għadha għaddejja minkejja li l-iskadenza għall-implimentazzjoni kienet għaddiet;

24. Jilqa' l-progress li sar fir-rigward tal-osservazzjonijiet tal-Qorti u r-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza tal-Parlament mis-snin preċedenti u l-fatt li l-Aġenzija implimentat b'mod korrett ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti rigward il-valutazzjoni xierqa tal-applikazzjonijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ; ifakkar li l-ħidma fir-rigward tal-erba' osservazzjonijiet li fadal għadha għaddejja; jistieden lill-Aġenzija żżid l-isforzi tagħha biex timplimenta miżuri korrettivi rigward l-osservazzjonijiet pendenti tal-Qorti;

Rispons għall-COVID-19 u kontinwità tal-operat

25. Jinnota t-tfixkil ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u li dan kien ta' sfida għall-kontinwità tal-operat tal-Aġenzija u d-disponibbiltà tas-sistemi eżistenti tal-IT fuq skala kbira u l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda fdati lilha; jilqa' l-fatt li minkejja dawn l-isfidi, l-Aġenzija żgurat id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi eżistenti tal-IT fuq skala kbira (is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' Data Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Asil (Eurodac)) u għamlet aktar progress fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-EES, l-ETIAS u l-pakkett dwar l-interoperabbiltà; jinnota b'apprezzament li l-miżuri ta' mitigazzjoni meħuda mill-Aġenzija ppermettewlha tnaqqas l-impatt negattiv tal-pandemija;

26. Jinnota li l-Aġenzija naqqset il-preżenza fiżika tal-persunal fis-siti tal-Aġenzija u ħadet miżuri biex iżżomm postijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa għall-persunal kritiku, u b'hekk żgurat il-kontinwità tal-operat għas-sistemi tal-Aġenzija; jinnota li l-Aġenzija kellha tieħu wkoll miżuri ta' mitigazzjoni biex tnaqqas l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-iżvilupp u l-varar ta' sistemi minħabba ktajjen tal-provvista li ġew imfixkla fit-tieni nofs tal-2020, u minħabba restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-aċċess li impedew id-disponibbiltà tal-persunal u tal-kuntratturi li jaħdmu fuq il-post; jinnota li l-Aġenzija, minkejja dawk id-diffikultajiet, għamlet progress sinifikanti fuq proġetti ewlenin bħall-implimentazzjoni tas-SIS tat-tieni ġenerazzjoni (is-"SIS II"), il-fażi 2 tas-Sistema Awtomatizzata ta' Informazzjoni dwar il-Marki tas-Swaba' u l-integrazzjoni ta' utenti ġodda għas-SIS u l-VIS;

Kummenti oħra

27. Jinnota b'apprezzament li l-Aġenzija abbozzat, innegozjat u ffirmat pjanijiet ta' kooperazzjoni bilaterali mal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (issa l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil), mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA); jinnota li l-Aġenzija kompliet ukoll il-kooperazzjoni tagħha ma' aġenziji sħab oħra, bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) dwar attivitajiet ta' taħriġ, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta dwar is-SIS, l-EES, l-ETIAS u l-interoperabbiltà, is-CEPOL dwar il-VIS, it-Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali (SIRENE), is-SIS, l-EES, l-ETIAS u l-interoperabbiltà, u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) dwar l-Eurodac u s-SIS;

28. Jilqa' l-preżenza attiva online tal-Aġenzija fl-2020, fost l-oħrajn, permezz tal-kampanja "Discover eu-LISA", il-parteċipazzjoni tal-Aġenzija f'16-il azzjoni u kampanja konġunti mal-aġenziji tal-Unjoni għall-ġustizzja u l-affarijiet interni, u l-logħba interattiva quiz.eulisa.europa.eu; iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli tippromwovi l-ħidma, ir-riċerka u l-attivitajiet tagħha biex iżżid il-viżibbiltà pubblika tagħha;

29. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija għamlet progress sinifikanti fil-proġett għall-bini tat-tieni estensjoni għas-sit tekniku tagħha fi Strasburgu bit-trasferiment formali tal-art, mill-awtoritajiet Franċiżi lill-Aġenzija, tar-roqgħa art ta' 20 000 m^2 maġenb il-kumpless tal-bini attwali tagħha li se sservi bħala s-sit għall-estensjoni l-ġdida;

30. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Mejju 2022 ([3]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([3]) Testi adottati, P9_TA(2022)0196.